ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar l-Erbgħa 1 ta' Ottubru, 2025

Talba Nru: CCT241/24/DS

Mr. Gaetano Attard

Vs

Electrical Supplies and Services (ESS) Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fid-19 ta' Novembru, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tħallsu l-ammont mitejn Ewro u sittin ċenteżmu (€200.60) li jikkonsistu f'danni subiti mir-rikorrenti konsistenti fi ħlas għal xogħolijiet li ġew imġiegħla jagħmlu mis-soċjeta' intimata inutilment għaliex fl-aħħar mill-aħħar *stabiliser* ta' lift illi s-soċjeta' intimata damet xhur biex tiċċekkja jekk kienx difettuż o meno instab li kien difettuż u tranġa minn naħa tagħha ;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-attur preżenta l-pużizzjoni tiegħu;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti: L-attur xtara stabilizer biex jipproteġi l-lift mill-instabbilita tal-elettriku li meta ġie nstallat kellu l-effett illi l-lift waqaf jaħdem. Meta r-rikorrenti ċempel lis-soċjeta' intimata hija, aktar minn darba ġiegħlitu jċempel lis-supplier tal-lift kif ukoll iqabbad electrician sabiex jiċċekkja l-elettriku tal-lift pero' l-lift ma nstab li kellu l-ebda ħsara. Dan ġara aktar minn darba u s-soċjeta' intimata baqgħed tinsisti, mingħajr ma marret tiċċekkja l-prodott, illi l-problema ma kienetx mill-prodott pero' meta eventwalment ir-rikorrenti mar għand l-MCCAA u s-soċjeta' intimata bagħtet lil xi ħadd jiċċekkja l-istabilizer sabet illi kien difettuż u biddlitu b'dana illi r-rikorrenti kien għamel infieq inutili konsekwenza tal-aġir tas-soċjeta' intimata.

Illi l-attur prova illi d-danni kienu jammontaw għall-ammont ta' mitejn Ewro u sittin ċenteżmu (€200.60).

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma d-dettalji dwar it-talba tiegħu taħt ġurament. Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-attur kemm il-darba prova jikkomunika mas-soċjeta' attriċi jitlobha sabiex tiċċekkja l-prodott u dan m'għamlitux ħlief wara xhur sħaħ ta' titubar inutili fejn irriżulta, li fl-aħħar mill-aħħar il-prodott kien fil-fatt difettuż. Dan l-aġir ikkawża inkonvenjent ċar lill-attur u lill-martu hekk kif joħroġ ċar mix-xhieda tagħhom u jkun inġust illi jgħaddi inosservat.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn Ewro u sittin ċenteżmu (€200.60) u jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' ħamsin Ewro (€50) lill-istess attur bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatlu.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru